# Tifkiriet tal-Kavallieri fil-Ħamrun.

Mis-Sur Eric Montfort

Meta nieħu dawra madwar il-Ħamrun, kemm minħabba xogħol, kif ukoll minħabba l-qadi li ħafna drabi nagħmel hemm, ma jonqosx li ntpaxxa bil-kniisja parrokkjali ta' San Gejtanu li rabat ismu sew ma' dan il-lokal! Saċerdot , ex avukat li ħalla l-professjoni w il-karriera tiegħu bħala duttur tal-liġi, flimkien mal-ġid li kien jipposjedi biex ingħata kollu kemm hu għal Aalla u għall-proxxmu tiegħu! San Gejtanu kien meqjum ħafna mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, probabbli għal-fatt li kien Taljan! Saħansitra meta kien għadu beatu kien hemm diġà artal ddedikat lilu bil-knisja kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu ġewwa l-Belt Valetta. Pero meta ngħaddi mill-din il-belt ta' San Gejtanu, inħoss dieqa kbira nara bini antik abbandunat li jixhed ukoll ċertu indifferenza, ħafna drabi dovut għal raġunijiet ta' nkwiet familjari, problemi ta' fondi għal manutenzjoni meħtieġa jew anke apatija u nuqqas t'interess. Ninkedd iktar meta nara dawn il-binjiet jispiċċaw bħala kerrijiet u nittama wkoll li jekk qed isiru abbużi mis-sidien, il-liġi u l-awtoritajiet jieħdu l-passi kollha meħtieġa!

Fl-istess waqt nieħu gost nara xi wħud mill-eqdem postijiet li nsibu l-Ħamrun jiġu rrestawrati għax dawn se jkomplu jkunu l-monumenti tal-passat, tal-bidunett ta' din il-lokalita' ċentrali u tant important bħala ċentru ta' konnessjoni, u ċentru importanti kummerċjali. Mhux talli hekk, talli għandna għallinqas inkunu tassew grati lejn kunsilli lokali, awtoritajiet, għaqdiet kif ukoll individwi li ħadu tant inizjattivi tul dawn l-aħħar mitt sena sabiex jiġu mħarsin dawn il-monumenti, li l-eqdem fosthom jeħduna sa żmien il-kavallieri. Hekk hu, fost l-iktar binjiet u monumenti antiki li ġew restawrati, hemm binjiet li jeħduna sa żmien il-Kavallieri.

Fi żmien il-Kavallieri, parti mill-Ħamrun kienet isservi bħala mħażen tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann. Ħafna minn dawn l-imħażen kienu jżommu depożiti tal-kubrit u l-porvli. Ma fadalx binjiet li jfakkruna f'dawn l-imħażen iżda hemm triq li qiegħda fil-Blata l-Bajda li tfakkarna f'dawn l-imħażen; jisimha Triq il-Kubrit. Illum nofs din it-triq hi appartamenti, u n-nofs l-ieħor jiġbor fih djar li għandhom ċerta eta' wkoll. Il-kumplament ta' din il-medda minn hawn sal-Floriana kien hemm biss għelieqi, u art xagħri, b'xi ftit djar 'l hawn u 'l hinn. Dan il-post dak iż-żmien kien magħruf bħala ta' Braxia, isem li ilu jeżisti sa mis-Seklu•16, qabel ma ġew l-istess Kavallieri. Hawnhekk insibu ċentru kummerċjali zgħir, bl-ufficini t'Identity Malta, bosta uffiċini f'Gattard House, żewġ uffiċini kbar tal-karozzi u l-istudios tal-RTK. Hemm ukoll xi siġar u faċċata, insibu l-bosk li jagħmel mal-Furjana u sar fi żmien il-Gvern Kolonjali Brittaniku fis-seklu li għadda.

L-Akwedott inbena mill-Kavallieri fi żmien il-Granmastru Adolf de Wignacourt u kien ukoll jgħaddi mill-Ħamrun sabiex jilħaq il-Belt Valletta. Hawnhekk, għandna eżempju bikri u ewlieni ta' kif il-Hamrun kien pont importanti ta' komunikazzjoni f'Malta, iktar u iktar meta dak iż-żmien il-popolazzjoni f'Malta kienet ikkonċentrata fil-Belt Valletta, il-Kottonera, u l-Imdina u r-Rabat, b' Ħal-Qormi, Ħaż-Żebbug H'Attard u Birkirkara ukoll ikollhom popolazzjonijiet imdaqqsa. Infatti fir-rapport ta' Monsinjur Dusina,li kien inkwiżitur, u li permezz tiegħu, kien sar stħarriġ dwar il-parroċċi ta' dak iż-żmien, jiġifieri, fl-1575, fejn ir-Rabat kellu jgħixu fih madwar 800 ruħ u f'Bormla, kien hemm madwar 1200 ruħ. H'Attard kellha 665 ruħ jgħixu hemm u Ħaż-Żebbuġ, li kienet tħaddan fiha l-irħula ta' Ħal Dwin u Ħal Muxi kellha 1200 ruħ. Ħal-Qormi kienet tħaddan magħha parti sew minn dak li hu l-Ħamrun u kienet testendi u tħaddan ukoll magħha parti mill-Belt Valletta, li kienet għadha kif rat it-twelid tal-ewwel parroċċa fi ħdanha, dik tal-Porto Salvu fl-1571, magħrufa aħjar bħala l-Parroċċa ta' San Duminku. Ħal-Qormi kienet batiet fl-Assedju l-Kbir li seħħ għaxar snin qabel, kif batiet Birkirkara. Dawn iż-żewġ parroċċi kellhom 680 irġiel li daħlu biex jgħinu l-Kavallieri kontra l-invazjoni tat-Torok Ottomani f'pajjiżna.

**Parroċċa San Gejtanu - Ħamrun**

Forsi l-iktar bini prominenti minn żmien il-Kavallieri hija l-Knisja, illum Santwarju tal-Madonna tas-Samra, li teħodna lura għas-seklu 17. Kien Ġuże Casauri negozjant mill-Birgu li kien imur ħafna fi Spanja u kien anke kiseb kwadru tal-Madonna t'Atocia, li kien kopja ta' pittura originali li t-tradizzjoni tgħid li kienet ta' pittura ta' San Luqa Evanġelista. Jingħad li tpitter f'Antijoka u mbagħad, biż-żmien l-Ispanjoli dawru l-isem għal Atocia, sabiex b'hekk ħareġ l-isem tal-Knisja tal -Madonna t'Atocia jew kif insejħulha wkoll bhala l-Madonna tas-Samra. Kemm Ġuże Casauri, kif ukoll martu, Isabella li kienet salvat mirakolozoment waqt attakk tat-Torok fl-Assedju l-Kbir tal-1565, riedu li dan l-inkwadru jkun onorat f'xi knisja u intgħażlet din il-knisja li fl-1575 kienet ingħalqet għax sfat abbandunata. Inbniet mill-ġdid u ġiet iddedikata lil Santa Marija Assunta u nistgħu ngħidu li tul is-snin serviet ukoll bħala ċentru importanti għan-nies li kienu jgħixu f'dawk l -akkwati tas-Samra. Imma din il-knisja kienet ukoll għaddiet mill-istess sitwazzjoni tal-knisja li kien hemm qabilha, tant hu hekk li ftit iktar minn 100 sena ilu, kienet qed isservi bħala maħżen. San Ġorġ Preca ħadem qatigħ sabiex din il-knisja reġgħet ħadet ħajja ġdida, u hekk ġara, sabiex tul is-snin bl-isforzi tal-komunita' li tgħix qrib, sar ħafna xogħol siewi u llum, issir il-Purċissjoni tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem tal-Madonna nhar il-15 t'Awwissu, b'konkorrenza li, f'dawk il-ġranet sħan tas-sajf, u ftit wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Gejtanu, tkun tajba. Is-sena li għaddiet din il-knisja ġiet elevata għall-istat ta' Santwarju u jkun hemm bosta attivitajiet għaddejjin, speċjalment kull 15 ta' kull xahar.

Il-bini li llum jospita l-Little Sisters of the Poor, kien ukoll kumpless ta' Balliju fi żmien il-Kavallieri u jmur lura għas-seklu 18. Kien palazzo kbir komplut b'ġonna li kien ukoll iħaddan fih dik li llum hija Pjazza San Pawl, u li hi magħrufa wkoll bħala Pjazza Fra Diegu. Kien palazz ta' Blacas d'Aulps, li kienu familja nobbli antika Franċiża. Il-bini ori-ġinali ġie mħares u jinsab biswit Triq Irjali San Ġużepp. Parti sew mill-ġonna ġew mibnija bħala kumpless għall-anzjani imma xorta waħda hemm medda mhux ħażin ta' ġonna u spazji miftuħa.

Il-Knisja tal-Porto Salvo tmur lura għas-seklu 17. Inbniet madwar is-sena 1645 u għada tintuza sallum, bħala post t'adorazzjoni. Maġenbha kien hemm ukoll palazz, li kien bi pjan wieħed. L-aħħar nies li għexu fih kienu l-Konti George Sant Fournier u martu Paolina, u dan bejn is-snin 1867 u l-1902. Wara dan il-post spiċċa bħala kerrejjiet u ddaħħlu gallariji li kerrhu u trasformaw kompletament dan il-palazz żgħir.

Il-Kavallieri Francizi kellhom ħafna saħħa u prominenza fis-seklu 18 u jidher li b'xi mod ħallew ukoll l-influwenza tagħhom permezz tal-binjiet tagħhom fil-Ħamrun li bħala post ma kellux il-prominenza ta' postijiet oħrajn bħal Ħal Qormi, Ħaż-Żebbug, is-Siggiewi u l-Kottonera, għax kien għadu jikkonsisti f'irħajjal li kienu hemm qrib il-Belt u l-Port il-Kbir.

Il-Palazz ta' Brunu, li jmur għal żmien de Rohan huwa eżempju ta' dan. Kien palazzo imqaddas li eventwalment ġie abbandunat. Fih għamlet żmien topera fabbrika tal-irħam u anke spiċċa f'kerrejiet . Laqqat ftit mhux ħażin bombi fit-Tieni Gwerra Dinjija. Xi wħud mill-ġonna li nsibu hawnhekk għad għandhom l-insinji ta' de Rohan. Il-Kunsill wera t-tama li dak li fadal minn dan il-palazz jiġi wkoll irrestawrat. De Rohan saħħaħ l-akkwedot u lejn il-parti ta' fuq ta' Triq San Gejtanu, nsibu torri tal-ilma li kien jiġbor l-ilma mill-akwadott li bena l-Gran Mastru Adolf de Wignacourt. Għadu hemm ippreservat u xhieda oħra tal-Kavallieri u l-abiltajiet tagħhom, anke fil-Ħamrun li b'mod providenzjali bis-saħħa tal-Isqof Gejtanu Pace Foro li kellu rabta kbira ma' Palermo u Napli, kellu aktar 'l-quddiem fis-seklu dsatax ikun mħares kif għadu sallum mill-qaddis tal-providenza, San Gejtanu Thiene.